TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 41/79

Reg. Nru. 48

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Doris Magri u
S.J.I. Clothing Industry Co. Ltd.,
dwar tkeccija mill-impieg allegata
li hi ngusta

Chairman: G.A. Craig

Data: 28 ta' Marzu, 1979

B'ittra tal-15 ta' Frar, 1979, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976 il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg ta' Doris Magri mill-kumpanija S.J.I. Clothing Industry Company Limited, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm tliet seduti li fihom deher ghal Doris Magri is-Sur Richard A. Matrenza, D.Pol.Econ(Oxon)F.R.Econ.S., S.M.M.I.M., u l-Kumpanija kienet rapprezentata mis-Sur C.L. Farrugia, C.P.A., B.Sc., M.Sc.(Econ)Lond., F.C.M.A., F.C.I.S., A.M.B.I.M., meghjun mis-Sur J. Schranz. F'dawn is-seduti nstemghu bhala xhieda ghall-appellant Mrs. Rita Psaila, Mrs. Doris Carabott, Miss Hilda Mizzi waqt li ghal Kumpanija nstemghu Godfrey Farrugia, Mrs Antoinette Cappello, Joe Schranz u Mrs. Doris Magri.

3. Statements of Case Is-Sur R.A. Matrenza ghall-appellant issottometta li Mrs. Magri meta kienet xebba kienet impjegata mill-1970 sa 1973 bhala 'caretaker' fi skola tal-Gvern u rrezenjat biex tizzewweg. Fit-2 ta' Novembru, 1977, dahlet bhala 'Machinist' mad-ditta S.J.I. Clothing Industries Limited u wara xahar u nofs, bi qbil mal-Management giet trasferita bhala "Cleaner". Fit-2 ta' Settembru, 1978, giet imkeccija habta u sabta minghajr qatt ma

/ ....

kienet imwissija fuq raguni ta' 'bad record of absenteeism'. Dan l-appellant tiehdu u ssostni li t-tkeccija kienet ingusta u ghalhekk titlob li jerga jinghata l-impieg taghha lura u tithallas ta' kemm damet bla xoghol.

4. Is-Sur C.L. Farrugia ghal Kumpanija ssottometta li Doris Magri giet trasferita minn 'machinist' ghal 'Cleaner' ghax il-produzzjoni taghha fuq il-magni kienet baxxa hafna u ghax kumbinazzjoni kien hemm vakanza ta' 'Cleaner' u hi accettat li tahdem hekk. Sostna li bhala 'cleaner' kienet ripetutament tinqabad tahli z-zmien ma taghmel xejn fil-'canteen' u fil-'pantry' waqt il-hin tax-xoghol, anki fil-ghodu meta x-xoghol taghha tal-gurnata zgur ma setax li kien ikun lest. Id-Diretturi kienu spiss jinnutaw nuqqas ta' ndafa u kienu jwasslulha twissijiet verbali permezz ta' membri tal-'executive-management', u li minn fuq kienet tilmenta li ma kellhiex zmien bizzejjed ghal xogholha. Li kien ghalhekk li meta ma tatx kaz tat-twissijiet, il-Management ma kellux triq ohra hlief li jitterminalha l-impieg u li dan sar ghal kawza gusta.

5. Xhieda fil-qosor Mrs. Rita Psaila qalet li kienet tahdem mal-Kumpanija seba' xhur u lil Doris Magri tiftakarha tahdem hemm bhala 'Cleaner' u li dak iz-zmien kien hemm bejn sittin u sebghin impjegat fil-fabbrika u li Doris Magri kienet l-unika 'Cleaner' hemmhekk. Sa fejn taf hi Doris Magri dejjem kienet taghmel xogholha tajjeb, toilets indaf u hmieg jew imbarazz imkien. Kien hemm sitt toilets u l-ufficini li kienet tnaddafhom Doris Magri u sa fejn taf hi qatt ma semghet ilmenti fuq ix-xoghol ta' Doris Magri u anqas ma tiftakar li qatt tawha 'warnings'.

6. Mrs. Doris Carabott 'Machinist' mal-Kumpanija qalet li ilha tahdem hemm sentejn u disa' xhur, u li tiftakar lil Doris Magri tahdem kemm fuq il-makni u, wara, bhala 'cleaner'. Qalet li kien hemm sistema ta' 'warnings' li dawn kienu jigu ffirmati. Qalet li kienet tara l-Doris Magri tahdem u tnaddaf u li hi kienet tara n-nadif.

7. Miss Hilda Mizzi qalet li hi kienet Head Mistress l-iskola ta' Bormla sa 1978 u li Mrs. Doris Magri, li dak iz-zmien kienet

/ ....

'caretaker' hemm, kienet eccellenti f'xogholha u li hi qatt ma kellha l-okkazzjoni tghaddilha rimarka hazina. Kien kollox nadif minkejja li t-tfal ihammgu spiss. Kienet toqghod wara l-hin u qatt ma naqset. Kien hemm fuq mija u hamsin tfal zghar li kellha tnaddafhom meta kien hemm bzonn, tnaddaf il-klassijiet, tahsel il-kurudur kuljum u tnaddaf it-toilets kuljum u kienet wehidha.

8. Godfrey Farrugia Line Chief mal-Kumpanija qal li Doris Magri dahlet bhala 'machinist' izda bhala production ma kienitx ittella bizzejjed u kien ghalhekk li offrewlha biex tmur 'cleaner'. Qal ukoll li s-sistema ta' 'warnings' bil-miktub kienet ilha li dahlet xi sena u xahrejn. Qal ukoll li gie li nnota hmieg u gie li telà hu stess jghidilha biex tmur tiknes isfel. Qatt ma sema' b'rapporti li Doris Magri kienet tinqabad fil-'canteen', izda gieli sabha hemm, kemm fil-hin tal-'break' u kemm fil-hin tax-xoghol. Gie li telà ghaliha ghax kien ikun hemm xi ilma biex tinzel timshu izda qal "li nista' nghid huwa dan, li meta kien ikolli bzonnha kont nitla' ghaliha u daqqa kont insibha tnaddaf, daqqa kienet tkun fil-'Canteen', daqqa fil-kamra taghha, jew tiknes fuq." Fuq kif isiru it-twissijiet ix-xhud qal li l-ewwel jghidulu bil-kelma, wara, jekk jerga, jghatuh 'warning' u jiffirmah. Qal ukoll li l-kobor tal-fabbrika kien bejn wiehed u iehor mija u ghaxar piedi bi tmenin pied. Hu zied jghid li hu personali qatt ma wessiha lil Doris Magri.

9. Mrs Antoinette Cappello - Self-employed fil-Canteen. Qalet li Doris Magri gie li dahlet fil-'Pantry' tal-'Canteen' skond kemm kien ikollha bzonn, gieli waqt il-'break' u gie li le. Qalet ukoll li gie li semghet li xi wiehed minn tal-Management jghidilha li kienet suppost li qed tnaddaf - dan qalet li semghathom tliet darbiet, u gieli tkellmu bejniethom fuq dan. Fil-kontro-ezami ix-xhud qalet li fil-pantry Doris Magri kienet taghmel it-te' lis-Sinjuri t'hemmhekk u li kienet taghmlu dan fuq ordni taghhom. Ftakret li Mrs. Magri kienet tigi wkoll fuq ordni ta' Mrs. Caruana u tordna l-affarijiet, bhal kafe' u affarijiet ohra. Anke fil-hin tal-'break' gie li xhud kienet tghid lil Mrs. Magri biex taghmel xi xoghol fil-Canteen.

/ ....

10. Joe Schranz - Accountant u jiehu hsieb fuq it-tnaddif u l-manutenzjoni tal-ufficini u tal-fabbrika. Qal li hu gieli ra lil Mrs. Magri fil-'canteen' u fil-'pantry' anki mhux waqt il-hin tal-'break', izda meta kienet tkun fil-'pantry' ma setax ikun jaf jekk kienitx tkun taghmel xi te' jew le izda mhux l-ewwel darba li raha quddiem il-bank titkellem ma Mrs. Cappello u li kemm il darba attiralu l-attenzjoni tieghu l-Manager. Darba qalilha li l-Manager kien irrabjat hafna u meta qaltlu li hi xi kultant tghejja wkoll qalilha "Iva, kulhadd jghajja, ma nistenniex li toqghod ghaddejja il-hin kollu, pero' jekk inti taf li l-Manager ma jridekx hemmhekk ghall-inqas toqghodx hemmhekk".

11. Qal li kien jaraha l-'canteen' f'hinijiet diversi imma l-iktar filghodu. Fil-fehma tiehu x-xhud meta qalilha li l-Manager irrabjat din kienet tammonta bhala 'warning' u meta giet illicenzjata hu hass li kellha 'warnings' bizzejjed. Gieli kien ikun hemm hmieg li kien jinnotah ic-'Chairman' u li issa dawn l-affarijiet ma ghadhomx isiru. Fil-kontro-ezami ix-xhud qal li il-'Canteen' kien ikun dejjem miftuh halli kulhadd seta' jigi moqdi. Hu kien jaghmel uzu mis-Servizzi ta' Doris Magri imma mhux fl-ahhar tliet xhur. Fil-bidu kien jghidilha biex iggiblu ghaliex kienet iggib lill-ohrajn u kien jghidilha hu wkoll izda wara kien hemm xi 'clash' u allura evita u kien imur hu.

12. Doris Magri - L-appellanti prodotta mill-Kumpanija qalet li billi hi kienet ga purtinara fi skola, thajret li tmur taghmel xoghol ta' 'cleaner' u ghal bidu kellha x'taqsam ma l-ufficini biss u mhux mal-fabbrika izda meta kien hemm hafna tfajliet qegheda, ghall-ewwel nizlu maghha jikinsu l-fabbrika pero' wara baqghet taghmilha wehidha. Hi gie li kienet fil-'canteen' anki f'hinijiet mhux tal-'break' meta ma kienx ikollha hin tiehu l-'break' taghha u meta is-Sur Schranz qalilha tal-Manager u anki xi drabi ohra hi kienet tghidlu li dak kien il-hin tal-'break' taghha u hi kellha d-dritt li tiehdu fil-'canteen' bhat-tfajliet l-ohra. Qalet li hi kellha 'seven breaks' u ghalhekk setghu jarawha f'hinijiet differenti, u li meta dahlet fit-tmienja ta' filghodu dak kien ikun biex taghmel it-te' ghas-Sur Joe (General Manager).

/ ....

13. Anki lis-Sur Schranz kienet tmur kemm-il-darba iggiblu mil-'Canteen', taghmillu l-hobz, lilu u lil kulhadd min ikun hemm hemm fuq. Qalet ukoll li lilha qatt ma tawha 'warnings' u ma setghetx tiehu bhala 'warnings' dak li gieli qalilha is-Sur Schranz ghax la ma kienitx tista tiehu l-'breaks' f'hinha mhabba li kienu jghitulha ghal xoghol iehor, kellha tiehu l-'breaks' f'hinijiet ohrajn u tiehu bicca hobz bhal tfajliet ohra. Qalet li gie li garret li kellha hafna xoghol ghax kien hemm mitt ruh isfel u li l-fabbrika, wara li kienet tiknisha, kienet ta' bilfors terga timtela bil-bicciet tad-drappijiet u l-jut.

14. Joseph Borg - Managing Director tal-Kumpanija. Mistoqsi x'kienu l-incidenti li wassluh biex jillicenzja lill-appellant, wiegeb li ghal bidu li marret 'cleaner' l-appellanti kienet 'cleaner' tajba izda aktar ma jghaddi z-zmien kienet aktar tittraskura u fl-ahhar tlieta jew erba' xhur, diversi drabi meta kien ikun diehel fil-fabbrika kien jaraha bil-qeghda fil-pantry fuq mejda xxejjer riglejha. Zied jghid li hu kien imur jahtaf lis-Sur Schranz li kien inkarigat minnha, biex ikellimha, u darba mar hu stess u kellem lil tal-Canteen biex ma thallihiex gol-pantry. Qal li dawn l-affarijiet graw xi sitta jew seba' darbiet u sa fejn kien jaf hu is-Sur Schranz kien iwwarnjaha kemm il-darba. Kien jistaqsi lis-Sur Shranz jekk dak li qallu ghamlux u dan kien jghidlu iva.

15. Qal li l-ewwel haga li wasslitha biex jillicenzja lil Mrs. Magri kienet negligenza u hela ta' zmien u anki darba c-Chairman tal-Kumpanija, hu u diehel qalilha fuq il-hmieg u wara kienet marret tikkomplejnja mieghu li kellha x'tagheml wisq. Izda hu kien ta r-raguni tat-tkeccija taghha bhala 'absenteeism' biex Mrs. Magri setghet tiehu l-unemployment benefit u dan sar biex jagevolaw lil dak li jkun. Ikkonferma li l-'warnings' dejjem kienu verbali.

16. Sottomessjonijiet finali Is-Sur Richard A. Matrenza, ghall-appellanti sostna li r-raguni ufficcjali li tat il-Kumpanija lid-Dipartiment tax-Xoghol kienet 'bad record of absenteeism' u dan kien fil-bidu ta' Settembru. Kien waqt it-trattazzjoni tal-kaz quddiem dan it-Tribunal li harget li mhux fuq hekk izda fuq

/ ....

ragunijiet ta' skartar. Ix-xhieda fuq dan il-punt minn naha tal-'Management' kienet skarsa u vaga ghall-ahhar, it-twiddib, jekk tassew kien hemm kien biss bil-kliem, darba l-Manager kien diehel u raha bil-qeghda fuq mejda xxejjer riglejha. Irrefera ghal dak li l-istess Tribunal qal kemm hu sagru l-impieg u l-htiega ta' 'twiddib' xieraq bil-kelma u bil-kitba qabel ma wiehed jasal biex ikecci bniedem mix-xoghol. F'dan il-kaz ebda twiddib ma sar bil-kitba jew anki bil-kelma quddiem xi xhud. Mix-xhieda inqas biss harget ebda raguni serja li setghet twassal ghat-tkeccija ta' impjegat.

17. Is-Sur C.L. Farrugia ghall-Kumpanija qal li t-Tribunal kellu jimxi fuq il-fatti, seta' kien hemm riflessjoni ta' nuqqas ta' ghaqal minn naha tal-Management kif agixxa l-management, izda l-fatti eziztew u kienu cari. Sostna li ghall-appellanti ma kien hemm ebda xhieda li kellha valur. It-tesi tal-Kumpanija kienet li fl-ahhar tliet xhur l-appellent kienet tiskarta u x-xoghol xi drabi ma taghmlux sew. L-enfasi kienet fuq l-iskartar. Din kienet imhallsa ghal tmien sieghat xoghol u l-Kumpanija dak li tistenna mill-impjegati. Mix-xhieda hareg li mhux biss kien hemm skartar imma dan kien ikun spiss. Din kellha il-'breaks' taghha u l-iskuza li hi kellha tiehu l-'breaks' taghha f'hinijiet ohra ghax kienet tkun qed isservi lil xi hadd jew tahdem ma setghetx tigi accettata ghax rawha tiskarta f'hinijiet differenti tal-gurnata minkejja li min kien inkarigat minnha qalilha kemm il-darba u fethilha ghajnejha, veru li mhux bil-miktub izda dan ma kellhomx ta' bilfors ikunu bil-miktub biex jigu osservati. Li wiehed ghandu jara hi l-gravita' tas-sitwazzjoni u dan il-punt enfasizzah.

18. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal It-Tribunal jiehu dejjem in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-provi u dak li jisma' fuq il-meritu tal-kaz u ghalhekk f'dan il-kaz kellu jizen bir-reqqa ix-xhieda kollha li sema' inkluza dik tal-appellant li tat mhux minn jeddha izda 'mtella mill-Kumpanija. Kellu wkoll izomm f'rasu li l-appellant kienet, kif kitbet il-Kumpanija lid-Dipartiment tax-Xoghol fit-13 ta' Novembru, 1978, 'a cleaner working in a factory of 10,000 sq.ft. and employing over 100 employees' u ma kien hemm hadd hliefha biex taghmel dan ix-

xoghol, li kif kompliet qalet il-Kumpanija 'entails a full-time job'. Tnejn li kienu jahdmu maghha fix-xhieda taghhom qalu li l-appellant kienet dejjem taghmel ix-xoghol taghha tajjeb u 'toilets' indaf u mkien hmieg jew imbarazz. Wahda qalet ukoll li kien hemm sistema ta' 'warnings' u li hi, li kienet ilha hemm sentejn u disa' xhur dejjem kienet tara nadif. L-appellant cahdet li kienet tiskarta u qalet kemm kellha x'taghmel u l-ghala l-'breaks' taghha gieli ma setghetx tohodhom fil-hin li kellha tohodhom.

19. Minn naha l-ohra t-Tribunal hu tal-fehma li l-Kumpanija ma ppruvatx sodisfacentament u kien hemm xi skartar serju li kien jimmerita l-piena estrema tat-tkeccija u naqas ukoll li jaghti twissijiet xierqa lil-appellant kif kellhom jinghataw. Mix-xhieda ta' Doris Carabott u anke ta' Godfrey Farrugia jidher li kien hemm sistema ta' 'warnings'. Dawn lill-appellant ma tawhomlha qatt kif kellhom jaghtuhomlha b'certa serjeta'. Meta anke l-General Manager qal li min kien inkarigat biex iwissiha dan, mix-xhieda tieghu, deher li qatt ma kienu twissijiet fil-veru sens ta' twissija bhal ma jidher minn x'qalilha darba meta l-Manager kien irrabjat ghaliha. Din ma kienetx 'warning' kif ghandha tinghata biex wiehed jara' li jekk jerga ~~hekk~~ hemm il-periklu ta' tkeccija.

20. It-Tribunal dejjem sostna li l-piena ghandha tkun relatata mal-htija u li anke fejn hemm raguni gusta wiehed irid iwissi aktar minn darba qabel ikecci u li twissija ghandha tkun b'mod li tigi interpretata bhal xi haga li tista' twassal ghal xi piena.

21. Award: Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal ma jsibx li t-tkeccija ta' Mrs. Doris Magri kienet ghal raguni gusta u jiddeciedi:

1. Li Mrs. Doris Magri tinghata lura l-impieg li kellha qabel l-1 ta' Settembru, 1978, minn nhar it-Tnejn, 2 ta' April, 1979
2. Li l-perijodu bejn l-1 ta' Settembru, 1978, sa l-1 ta' April, 1979, jitqies bhala 'sospensjoni' b'nofs paga, u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

([illegible]. BARTOLO PARNIS)
Segretarju

(G.A. Craig)
Chairman

mab